



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

30.9.2009

B7-0086/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-samit ta' Pittsburgh tal-G20 tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009

Jean-Paul Gauzès
f'isem il-Grupp PPE-DE

RE\791583MT.doc

PE428.690v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0086/2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-samit ta' Pittsburgh tal-G20 tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja maħruġa fl-aħħar tas-Samit ta' Pittsburgh tal-Grupp tal-Għoxrin (G20) tal-25 ta' Settembru 2009,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar is-Samit tal-G20 ta' Londra tat-2 ta' April 2009,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-proċess tal-irkupru ekonomiku għadu mhux lest, bil-qgħad f'livell inaccettabilment għoli f'ħafna pajjiżi u bil-possibilità li jista' jżied aktar fix-xhur li ġejjin,
- B. billi l-isfida ewlenija li trid tingħeleb biex jiġi assigurat li jerġa' jkun hemm tkabbir ekonomiku hija li tintlaħaq bidla minn sorsi pubbliċi għal sorsi privati tad-domanda; billi huwa essenzjali li jkun hemm progress deċiżiv fir-riformi strutturali biex jintlaħaq tkabbir ekonomiku b'saħħtu, li jkun ibbilanċjat u sostenibbli,
- C. billi d-diffikultajiet ekonomiċi preżenti għandhom jintużaw bħala opportunità biex jiġu promossi l-għanijiet ta' Liżbona u ta' Göteborg u biex jiġi mtenni l-impenn fil-ġlieda kontra l-qgħad u l-bidla fil-klima u biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija,
- D. billi n-nuqqasijiet ewlenin fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni, flimkien ma' teħid ta' riskji bl-addoċ u b'mod irresponsabbli minn xi istituzzjonijiet finanzjarji u l-provvista żejda ta' likwidità minħabba politika monetarja laxka f'xi partijiet tad-dinja kkontribwew b'mod sinifikanti għall-kriżi attwali,
- E. billi l-koordinazzjoni internazzjonali hija essenzjali biex jerġa' jkun hemm tkabbir ekonomiku,
- F. billi hija meħtieġa koperazzjoni multilaterali b'saħħitha biex jiġu evitati tendenzi protezzjonisti,

Rimarki ġenerali. It-trawwim mill-ġdid tat-tkabbir u l-impjiegi

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehimiet milħuqa fis-Samit tal-G20, inkluż l-impenn biex jiġi evitat kwalunkwe rtirar prematur tal-istimolu; jinnota bi tħassib, madankollu, iż-żidiet mgħaġġla li kien hemm fid-dejn pubbliku u fid-defiċits baġitarji; jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti finanzi statali sodi malajr kemm jista' jkun u li tiġi żgurata s-sostenibilità fiskali fit-tul biex jiġi evitat li jiġi impost piż tqil iżżejjed fuq ġenerazzjonijiet futuri; iħeġġeġ sabiex issir ħidma issa fir-rigward ta' strateġiji ta' ħruġ effettivi, biex jiġu implimentati malajr hekk kif l-irkupru jippermetti li jsir hekk;

2. Jenfasizza li l-prijorità immedjata trid tkun li jintlaħaq tkabbir qawwi fl-ekonomija reali, li jiġi żgurat li s-swieq kapitali u s-self jaħdmu tajjeb, li jiġu sostnuti u promossi l-impjiegi u li l-persuni jiġu mħarsa mill-impatt negattiv tal-kriżi, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil min hu l-aktar fqir u vulnerabbli;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-iżbilanċi globali, li huma l-kawża tal-kriżi finanzjarja, kienu indirizzati fis-Samit tal-G20; jirrimarka li, jekk għandhom jiġu evitati kriżijiet finanzjarji oħra fil-ġejjieni, għandhom jiġu indirizzati l-kawżi li huma fil-bażi (jiġifieri l-finanzjament tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Uniti mill-bilanċi kummerċjali eċċessivi taċ-Ċina) u li dan għandu implikazzjonijiet li jmorru lil hinn ħafna mill-qasam tar-regolamentazzjoni bankarja u finanzjarja u mit-tmexxija istituzzjonali; iqis li reazzjoni multilaterali effettiva għall-kriżi għandha tinvolvi li jiġu indirizzati l-kawżi tal-iżbilanċi fir-rati tal-iskambju u l-volatilità tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi f'oqsfa multilaterali;

It-tisħiħ tas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarja

4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-appell sabiex il-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 jaslu għal ftehim dwar qafas internazzjonali ta' riforma fl-oqsma kritiċi li ġejjin tas-settur finanzjarju:
 - l-iżvilupp ta' kapital ta' kwalità għolja u l-mitigazzjoni tal-proċikliċità,
 - ir-riforma tal-prattiċi ta' kumpens biex tiġi appoġġjata l-istabilità finanzjarja,
 - it-titjib tas-swieq tad-derivattivi li huma 'over-the-counter',
 - l-indirizzar tal-problemi ta' regolamentazzjoni transkonfinali u l-istituzzjonijiet finanzjarji li huma sistemikament importanti;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Unjoni Ewropea hija aktar ambizzjuża fir-rigward tal-ambitu u r-rekwiżiti tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni, kif turi l-ħidma leġiżlattiva tagħha, sew jekk ġiet adottata reċentament (CRD, CRA) u sew jekk għadha qed tiġi diskussa, (pereżempju d-Direttiva AIFM, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskji Sistemiċi);
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tittrasponi malajr f'leġiżlazzjoni tal-UE li torbot l-impjenji li ttieħdu fis-Samit tal-G20 fir-rigward tal-bonuses;
7. Iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha tal-G20 biex jadottaw il-Qafas Kapitali Basel II malajr kemm jista' jkun;
8. Huwa tal-fehma li l-prinċipji għall-koperazzjoni transkonfinali fir-rigward tal-ġestjoni tal-kriżi jeħtieġ li jiġu implimentati b'urġenza; jitlob lill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja biex jikkonsulta mal-Parlament qabel ma japprova l-proposti li għandhom jiġu adottati sal-aħħar ta' Ottubru 2010 għal istituzzjonijiet finanzjarji li huma sistemikament importanti;
9. jirrikonoxxi li l-kisbiet fil-ġlieda kontra ġurisdizzjonijiet li ma jikkoperawx ('tax havens') kienu sostanzjali, iżda għandhom mhux biżżejjed; jinkoraġġixxi lill-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju tal-Infurmazzjoni biex itejjeb it-trasparenza fiskali u l-iskambju tal-infurmazzjoni biex il-pajjiżi jkunu jistgħu jinfurzaw b'mod sħiħ il-liġi tat-taxxa

tagħhom biex jipproteġu l-bażi fiskali tagħhom; jappoġġja lill-G20 fl-użu tagħha ta' kontromiżuri kontra l-pajjiżi li joffru kenn mit-taxxa minn Marzu 2010 f'każijiet ta' nuqqas ta' koperazzjoni;

It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali tagħna

10. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan tal-G20 li jirrifirma l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u jitlob li dawn ir-riformi jibdeu malajr kemm jista' jkun; jistenna riforma estensiva tat-tmexxija ekonomika u finanzjarja globali; jappoġġja l-modernizzazzjoni tal-IMF u tal-Bank Dinji bħala element ċentrali tal-isforz biex jittejjbu l-kredibilità, il-leġittimità u l-effikaċja ta' dawn l-istituzzjonijiet; jistenna li tittejjeb ir-rappreżentazzjoni tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw fl-istituzzjonijiet finanzjarji; jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn fir-rigward ta' ċaqliq fis-sehem tal-kwoti lejn il-pajjiżi bi swieq emerġenti dinamiċi u li għadhom qed jiżviluppaw;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn fir-rigward ta' ekonomija globali miftuħa; iqis li l-qawmien mill-ġdid tal-kummerċ dinji huwa essenzjali biex jerġa' jkun hemm tkabbir globali; itenni, f'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tiegħu kontra kwalunkwe forma arbitrarja ta' protezzjoniżmu u jkompli jagħmel pressjoni biex ikun hemm progress biex jiġi żgurat l-aċċess għas-swieq billi jiġu eliminati ostakoli arbitrarji ta' natura tariffarja u mhux tariffarja u li r-regoli għall-kummerċ ħieles u ġust jiġu rrispettati; jibqa' determinat li jaħdem għal konklużjoni globali, ambizzjuża u bbilanċjata għar-Rawnd tal-Iżvilupp ta' Doha, konsistenti mal-mandat tiegħu;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent min-naħa tal-G20 tal-importanza ta' ekonomija globali iktar sostenibbli; jenfasizza li ftehma li torbot dwar il-bidla fil-klima fil-konferenza li ġejja ta' Kopenhagen hija ta' importanza kruċjali; jenfasizza, madankollu, li l-mexxejja tal-G20 għandhom jirrikonoxxu n-natura wiesgħa tal-isfidi għas-sostenibilità globali;
13. Jenfasizza l-fatt li l-impjenji kollha li ttieħdu jridu jiġu rrispettati b'mod sħiħ, implimentati malajr u żviluppanti, fil-livell nazzjonali u internazzjonali, biex jerġa' jkun hemm il-fiduċja u jiġi mmassimizzat l-irkupru ekonomiku;
14. Iqis li r-rappreżentazzjoni tal-UE fil-laqgħat tal-G20 għandha tkun is-suġġett ta' diskussjoni dettaljata bejn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE u l-Istati Membri;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewrope, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati tal-G20 u lill-Fond Monetarju Internazzjonali.